IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
SWD(2021) 715 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt**
**Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt**
**Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2021) 700 final} - {SWD(2021) 701 final} - {SWD(2021) 702 final} - {SWD(2021) 703 final} - {SWD(2021) 704 final} - {SWD(2021) 705 final} - {SWD(2021) 706 final} - {SWD(2021) 707 final} - {SWD(2021) 708 final} - {SWD(2021) 709 final} - {SWD(2021) 710 final} - {SWD(2021) 711 final} - {SWD(2021) 712 final} - {SWD(2021) 713 final} - {SWD(2021) 714 final} - {SWD(2021) 716 final} - {SWD(2021) 717 final} - {SWD(2021) 718 final} - {SWD(2021) 719 final} - {SWD(2021) 720 final} - {SWD(2021) 721 final} - {SWD(2021) 722 final} - {SWD(2021) 723 final} - {SWD(2021) 724 final} - {SWD(2021) 725 final} - {SWD(2021) 726 final} - {SWD(2021) 727 final}

MT MT

**SOMMARJU**

Is-sistema ġudizzjarja Irlandiża, li hija kkaratterizzata minn livell għoli ta' indipendenza perċepita, qed tesperjenza żviluppi importanti. Abbozz ta' liġi ġdid għandu l-għan li jirriforma s-sistema għall-ħatriet u l-promozzjonijiet ġudizzjarji, filwaqt li jtaffi ċertu tħassib li kien hemm. Madankollu, ir-riforma se tkompli tħalli diskrezzjoni wiesgħa lill-Gvern, minħabba li ma hemm l-ebda klassifikazzjoni tal-kandidati u l-Gvern mhuwiex marbut b'din il-lista, minkejja li d-deċiżjonijiet tiegħu jridu jiġu ppubblikati. Huwa importanti li din ir-riforma tkun tiggarantixxi l-indipendenza ġudizzjarja, filwaqt li tqis l-istandards Ewropej. Qed jiġi stabbilit reġim dixxiplinari biex itejjeb ir-responsabbiltà tal-imħallfin u l-Kumitat dwar l-Imġiba tal-Ġudikatura qed iħejji abbozz ta' linji gwida dwar l-imġiba u l-etika tal-proċedura tal-ilmenti. Skont il-Kostituzzjoni, id-deċiżjoni finali dwar it-tkeċċija tal-imħallfin, li hija prevista biss f'każijiet ta' mġiba ħażina jew inkapaċità, tibqa' prerogattiva tal-Parlament, u dan jista' jqajjem tħassib fir-rigward tal-politiċizzazzjoni tal-proċedura. Il-Kunsill Ġudizzjarju, li ġie stabbilit reċentement, kompla jaħdem fuq għadd ta' linji gwida. Bħalissa qed isiru riflessjonijiet dwar il-limitazzjoni tal-ispejjeż legali u dwar it-titjib tal-iskemi ta' għajnuna legali, u dan jista' jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja. Qed jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, l-għadd żgħir ta' mħallfin għal kull abitant u t-tul tal-proċedimenti.

L-Irlanda qed tirrevedi b'mod estensiv l-istrutturi tagħha kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi kif ukoll l-istrateġiji tagħha għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-aġġudikazzjoni tar-reati ekonomiċi u l-każijiet ta' korruzzjoni. Il-Gvern impenja ruħu li jintroduċi strutturi ġodda kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi, leġiżlazzjoni ġdida li tipprevedi seduti preliminari ta' smigħ, u li jemenda l-Att 2018 dwar il-Ġustizzja Kriminali (Reati ta' Korruzzjoni). L-isfidi ewlenin fil-kapaċità tal-Irlanda li tiskoraġġixxi u tikkastiga l-korruzzjoni għadhom jeżistu minħabba r-riżorsi limitati u l-frammentazzjoni istituzzjonali. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-miżuri ta' integrità huma fis-seħħ, iżda għad fadal sfidi fir-rigward tal-infurzar, b'mod partikolari dwar l-iżvelar tal-assi, il-lobbying u r-revolving doors. Tqajjem tħassib li l-Kummissjoni għall-Istandards fl-Uffiċċju Pubbliku, bħala l-awtorità superviżorja li timmaniġġja d-dikjarazzjoni tal-interessi u r-reġimi tal-ikklerjar tat-taxxa tad-detenturi ta' karigi pubbliċi, jista' ma jkollhiex riżorsi adegwati. Huwa ppjanat rieżami tal-kapaċità biex tiġi eżaminata l-kwistjoni.

Ir-regolatur tal-media tax-xandir (l-Awtorità tax-Xandir tal-Irlanda) huwa mistenni jgħaddi minn riorganizzazzjoni kbira fil-qafas tal-abbozz il-ġdid tal-liġi dwar is-sikurezza online u r-regolamentazzjoni tal-media, bil-għan li tiġi trasposta d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva. Huwa mistenni li l-abbozz ta' liġi ġdid jiġi adottat sal-aħħar tal-2021. L-iżviluppi reċenti mmirati lejn iż-żieda fit-trasparenza fis-settur jinkludu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' bażi tad-*data* dwar is-sjieda tal-media, li hija mistennija li tiġi aġġornata regolarment. L-emendi għall-Att dwar il-Malafama, li l-adozzjoni tagħhom hija prevista fix-xhur li ġejjin, huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv fuq l-attività tal-ġurnalisti. Il-Gvern waqqaf Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Futur tal-Media biex tniedi djalogu dwar miżuri ġodda ta' politika u azzjonijiet possibbli fit-tul biex jappoġġaw is-settur.

Fir-rigward tal-kontrokontrolli, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja kompliet tintuża biex tilleġiżla sabiex tindirizza l-pandemija tal-COVID-19, iżda tqajjem tħassib dwar is-sorveljanza parlamentari limitata fuq il-miżuri ministerjali. Filwaqt li l-Irlanda għandha proċedura leġiżlattiva żviluppata sew, dan l-aħħar kien hemm rikors sostanzjali għal

possibbiltajiet sabiex jitqassru d-diskussjonijiet fil-Parlament. Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza tkompli twettaq il-ħidma tagħha b'mod effettiv u ġiet akkreditata mill-ġdid f'Ġunju 2021. L-Irlanda għandha soċjetà ċivili vibranti u diversa iżda r-restrizzjonijiet fuq l-NGOs ikomplu joħolqu xi tħassib. Hemm pjanijiet biex dan it-tħassib jiġi indirizzat fil-kuntest tar-riforma elettorali li għaddejja bħalissa.

## I. <u>IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA</u>

L-Irlanda hija ġuriżdizzjoni tad-dritt komuni, li l-ġudikatura tagħha hija maqsuma f'fergħa ċivili u fergħa kriminali. Is-sistema tal-qorti tinkludi qorti tal-appell finali (il-Qorti Suprema), Qorti tal-Appell, u qrati tal-prim'istanza li jinkludu Qorti Superjuri (High Court) b'ġuriżdizzjoni sħiħa fil-materji kriminali u ċivili kollha u qrati b'ġuriżdizzjoni limitata: il-Qorti taċ-Ċirkwit u l-Qorti Distrettwali huma organizzati fuq bażi ġeografika. Il-Qrati Kriminali Speċjali[1] huma qrati mingħajr ġurija u jittrattaw kawżi paramilitari, sovversivi u ta' kriminalità organizzata. Barra minn hekk, għadd ta' tribunali speċjalizzati[2] joperaw f'oqsma differenti, inklużi r-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol[3]. Fl-2019 twaqqaf Kunsill Ġudizzjarju[4]. Il-ħatriet ġudizzjarji jsiru mill-President tal-Irlanda, li jaġixxi fuq il-parir tal-

---

[1] L-Att dwar ir-Reati kontra l-Istat 1939 jipprevedi l-istabbiliment ta' Qrati Kriminali Speċjali. Il-Qorti Kriminali Speċjali issa magħrufa bħala Qorti Kriminali Speċjali Nru 1 ilha tiffunzjona mill-1972. Il-Qorti Kriminali Speċjali Nru 2 ilha tiffunzjona mill-2016. Qorti Kriminali Speċjali tippresjedi bi tliet Imħallfin u mingħajr ġurija. Il-Gvern jaħtar bord ta' Mħallfin mill-Qorti Superjuri, mill-Qorti taċ-Ċirkwit u mill-Qorti Distrettwali biex jippresjedu fil-Qrati Kriminali Speċjali. Bħalissa hemm 19-il imħallef fuq il-bord. Il-każijiet li jinvolvu terroriżmu u reati tal-kriminalità organizzata jitressqu awtomatikament quddiem Qorti Kriminali Speċjali għal proċess. Reati oħrajn jitressqu quddiem jew jintbagħtu għall-proċess meta d-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi jiċċertifika li l-Qrati ordinarji mhumiex adatti biex jiżguraw l-amministrazzjoni effettiva tal-ġustizzja u l-protezzjoni tal-paċi u l-ordni pubbliku. Appell kontra kundanna jew sentenza mill-Qrati Kriminali Speċjali jista' jitressaq quddiem il-Qorti tal-Appell.

[2] Inkluż Tribunal Industrijali, li għandha ġuriżdizzjoni unika ta' appell fit-tilwim kollu fl-ambitu tal-promulgazzjoni tad-drittijiet tax-xogħol. Filwaqt li t-Tribunal Industrijali mhuwiex qorti tal-ġustizzja, meta jeżerċita din il-ġuriżdizzjoni t-Tribunal Industrija huwa involut fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-Qorti għandha wkoll ġuriżdizzjoni fl-ambitu tal-Atti dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali 1946 – 2015. Fl-eżerċizzju ta' din il-ġuriżdizzjoni hija tiffunzjona bħala tribunal tar-relazzjonijiet industrijali, tisma' liż-żewġ naħat f'kawża u mbagħad toħroġ Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-opinjoni tagħha dwar it-tilwima u t-termini li bihom għandha tiġi solvuta. Ir-Rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti dwar l-investigazzjoni tat-tilwim fl-ambitu tal-Atti dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali 1946 - 2015 mhumiex vinkolanti għall-partijiet ikkonċernati. Id-determinazzjonijiet tal-Qorti skont il-promulgazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Impjieg huma legalment vinkolanti.

[3] F'April 2021, il-Qorti Suprema Irlandiża tat sentenza (Zalewski v. Adjudication Officer u l-Workplace Relations Commission) dwar il-kostituzzjonalità tal-kummissjoni għar-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, fejn il-parti l-kbira tat-tilwim huwa kkunsidrat minn uffiċjal tal-aġġudikazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll ir-rwol tat-Tribunal Industrijali li huwa tribunal. Il-maġġoranza sostniet li l-eżerċizzju tas-setgħat mill-Uffiċjali tal-Aġġudikazzjoni tal-skont l-Att dwar ir-Relazzjonijiet fuq il-Post tax-Xogħol, 2015 kienet l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fis-sens tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Meta għamlet dan, hija ċaħdet kontestazzjoni tal-validità ta' ċerti taqsimiet tal-Att 2015 u tal-Att 1977 dwar is-Sensji Inġusti kif emendat. Madankollu, il-Qorti Suprema ddeterminat ukoll li żewġ aspetti tal-Att tal-2015 huma inkompatibbli mal-Kostituzzjoni: ir-rekwiżit li s-seduti kollha li jsiru quddiem Uffiċjal tal-Aġġudikazzjoni ma għandhomx isiru fil-pubbliku u n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni ta' ġuramenti, jew il-possibbiltà ta' kastig talli tingħata evidenza falza. Il-Qorti Suprema għamlet ukoll ċerti kummenti dwar il-ħtieġa għal indipendenza msaħħa min-naħa tal-uffiċjali tal-arbitraġġ f'ċirkostanzi fejn l-azzjonijiet tagħhom jammontaw għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja, anki jekk ta' natura limitata, sabiex ikunu permissibbli skont l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

[4] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 2.

Gvern. Il-Bord Konsultattiv tal-Ħatriet Ġudizzjarji għandu l-kompitu li jagħżel il-kandidati xierqa għall-ħatra. Is-servizz tal-prosekuzzjoni mhuwiex parti mill-fergħa ġudizzjarja. L-Avukat Ġenerali huwa l-konsulent legali tal-Gvern. Il-professjoni legali għandha żewġ tipi ta' avukati – solicitors, rappreżentati mill-Għaqda tal-Liġi (Law Society), u barristers, rappreżentati mill-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda. L-Awtorità Regolatorji tas-Servizzi Legali, korp indipendenti mwaqqaf fl-2016, huwa r-regolatur statutorju nazzjonali tal-Irlanda għaż-żewġ fergħat tal-professjoni legali.

## Indipendenza

**Il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin fost il-pubbliku ġenerali u l-kumpaniji għadha[5] waħda għolja**. Il-livell ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin huwa perċepit bħala "pjuttost tajjeb jew tajjeb ħafna" minn 73 % tal-popolazzjoni ġenerali u minn 77 % tal-kumpaniji[6]. Dan il-livell għoli ta' perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja ilu stabbli mill-2016.

**Il-Kunsill Ġudizzjarju stabbilit reċentement kompla l-ħidma tiegħu biex joħroġ għadd ta' linji gwida, anki permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u abbozzar[7]**. Ġie mibdi programm modern ta' edukazzjoni u taħriġ għall-imħallfin, megħjun bil-ħatra ta' mħallef fis-servizz bħala Direttur tal-Istudji Ġudizzjarji. Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ("GRECO") laqa' t-twaqqif tal-Kunsill Ġudizzjarju f'konformità mar-rakkomadazzjonijiet preċedenti tiegħu[8]. Il-Kunsill Ġudizzjarju qed iwettaq riċerka biex jiggwida l-abbozzar tal-Linji Gwida għas-Sentenzjar. Il-Linji Gwida għad-Danni Personali, li waqqfu linji gwida ġenerali għall-ammonti li għandhom jingħataw jew jiġu vvalutati fi pretensjonijiet ta' danni personali ġew adottati mill-Kunsill f'Marzu 2021 u daħlu fis-seħħ f'April 2021, ladarba l-leġiżlazzjoni daħlet fis-seħħ. Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lir-rispett tal-indipendenza ġudizzjarja[9].

**Qed jitħejja abbozz ta' liġi ġdid dwar il-ħatra u l-promozzjoni tal-imħallfin.** Wara l-iskadenza tal-abbozz ta' liġi tal-2017 dwar il-ħatriet ġudizzjarji fi tmiem il-leġiżatura preċedenti, il-Gvern ġdid ippreżenta Skema Ġenerali ġdida[10] f'Diċembru 2020[11]. L-abbozz ta' liġi huwa mistenni jitressaq fil-Parlament fit-tieni kwart tal-2021.

---

[5] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 3.

[6] Il-Figuri 48 u 50, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021. Il-livell ta' indipendenza perċepita tal-ġudikatura huwa kkategorizzat kif ġej: baxx ħafna (anqas minn 30 % tar-rispondenti jipperċepixxu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxx (bejn 30 % u 39 %), medja (bejn 40 % u 59 %), għolja (bejn 60 % u 75 %), għolja ħafna (aktar minn 75 %).

[7] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, pp. 4-5.

[8] GRECO Fourth Evaluation Round – Evaluation Report, il-paragrafu 124; GRECO Fourth Evaluation Round – Second Interim Complience Report, il-paragrafi 25-28.

[9] L-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa jirrikjedu r-rispett tal-indipendenza ġudizzjarja mhux biss minn influwenzi li jiġu minn barra l-ġudikatura, iżda anki minn ġewwa. Pereżempju, skont il-Kummissjoni ta' Venezja, il-prattika tal-linji gwida adottati mill-Qorti Suprema jew mill-ogħla qorti oħra u vinkolanti fuq il-qrati inferjuri hija problematika f'dak li għandu x'jaqsam mal-indipendenza interna (l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD(2010)004-e, il-paragrafu 70).

[10] Qabel ma jiġi ffinalizzat abbozz ta' liġi (Bill), tista' tiġi ppubblikata "Skema Ġenerali" tal-abbozz ta' liġi, u din spiss tissejjaħ "l-ewwel tfassil".

[11] Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020), General Scheme of the Judicial Appointments Commission Bill 2020. (Skema Ġenerali tal-Abbozz ta' Liġi tal-Kummissjoni għall-Ħatriet Ġudizzjarji 2020).

**Il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni prevista dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura nbidlet**. L-Iskema Ġenerali ġdida tipprevedi l-istabbiliment ta' Kummissjoni dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, li hija magħmula minn disa' membri, biex tissostitwixxi l-Bord Konsultattiv tal-Ħatriet Ġudizzjarji (Judicial Appointments Advisory Board, JAAB) attwali[12]. Il-Kummissjoni se tinkludi l-Prim Imħallef (bħala president), żewġ imħallfin nominati mill-Kunsill tal-Ġudikatura (wieħed kien solicitor u ieħor kien barrister prattikanti), president tal-qorti wieħed (li huwa l-president tal-qorti li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni għandha tirrakkomanda persuni għall-ħatra) u erba' membri mhux ġejjin mill-qasam ġuridiku (li tlieta minnhom għandhom jintgħażlu f'kompetizzjoni miftuħa mis-Servizz għall-Ħatriet Pubbliċi, u wieħed minnhom se jiġi nnominat mill-Kumissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza)[13]. L-Avukat Ġenerali se jkun membru tal-Kummissjoni f'kapaċità *ex officio* mingħajr id-dritt tal-vot. Il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni ppjanata ma tipprevedix maġġoranza ċara ta' mħallfin magħżula mill-pari tagħhom[14], għalkemm tqis ċertu tħassib li tqajjem fir-rigward tal-pjanijiet preċedenti għal maġġoranza mhux mill-qasam ġuridiku u president mhux mill-qasam ġuridiku[15]. Is-sħubija, anki jekk f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot, tal-Avukat Ġenerali, li huwa wkoll il-konsulent legali prinċipali tal-Gvern u membru fil-laqgħat tal-kabinett[16], tista' tqajjem tħassib fir-rigward tal-indipendenza tal-Kummissjoni mill-Gvern[17], kif rapportat mill-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Ugwaljanza[18] u mill-Għaqda tal-Liġi[19]. L-Iskema Ġenerali tipprevedi wkoll Kumitat Konsultattiv ta' Ħatriet Ġudizzjarji Għolja biex jirrakkomanda persuni għall-ħatra bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja, President tal-Qorti tal-appell u President tal-Qorti Superjuri. Dan il-Kumitat se jkun magħmul mill-Prim Imħallef, membru li mhuwiex ġej mill-qasam ġuridiku u l-Avukat Ġenerali. Għalhekk, l-Avukat Ġenerali jkollu rwol sinifikanti fil-ħatra tal-aktar pożizzjonijiet għolja fil-ġudikatura, li wkoll jista' jqajjem tħassib dwar l-indipendenza. Huwa importanti li r-riforma finali tiggarantixxi l-indipendenza ġudizzjarja, skont id-dritt tal-UE u li tikkunsidra l-istandards Ewropej[20] u titwettaq f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati[21] u l-

[12] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 3. Il-JAAB huwa magħmul mill-ħames presidenti tal-qorti, mill-Avukat Ġenerali, minn rappreżentant kemm mill-Għaqda tal-Liġi u mill-Kunsill tal-Avukati, u tliet membri mhux ġejjin mill-qasam ġuridiku maħtura mill-Ministru għall-Ġustizzja.

[13] L-Għaqda tal-Liġi u l-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda appellaw għall-inklużjoni ta' rappreżentanti ta' solicitors u barristers fil-Kummissjoni. Law Society (2021), Submission to the Joint Oireachtas Committee On Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission Bill 2020. Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda (2021) Submission to the Department of Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission.

[14] Il-Kummissjoni ta' Venezja, CDL-AD(2020)006, il-paragrafu 19.

[15] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 3.

[16] L-Avukat Ġenerali għandu responsabbiltajiet ta' prosekuzzjoni limitati. Dawn ir-responsabbiltajiet huma fil-biċċa l-kbira f'idejn id-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi.

[17] Il-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2020) 006), il-paragrafi 21-22.

[18] Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (2021), Submission to the Minister for Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission p. 14.

[19] Law Society (2021), Submission to the Joint Oireachtas Committee On Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission Bill 2020, p. 6. Il-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda kkunsidrat li meta l-Avukat Ġenerali jkun irrikuża ruħu għax ikun applikant għal tali kariga ġudizzjarja, għandu jkun hemm sostitut fil-Kumitat. Il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda (2021), Submission to the Department of Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission.

[20] Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafi 46-47. Fil-kuntest tal-ħatriet ġudizzjarji magħmula mill-fergħa eżekuttiva fuq talba minn kunsill għall-ġudikatura, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea indikat li sabiex kunsill bħal dan jikkontribwixxi biex il-proċess isir aktar oġġettiv, dan jenħtieġ li jkun indipendenti biżżejjed mil-leġiżlatura u mill-eżekuttiv u mill-awtorità li lilha

Kummissjoni ta' Venezja. B'mod partikolari, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, jenħtieġ li korp tal-ħatra indipendenti bħal dan ikun magħmul f'parti sostanzjali mill-ġudikatura u jenħtieġ li jkun awtorizzat jagħmel rakkomandazzjonijiet jew jesprimi opinjonijiet li l-awtorità tal-ħatra rilevanti ssegwi fil-prattika[22].

**Il-proċedura ppjanata għall-ħatriet u l-promozzjonijiet ġudizzjarji tqajjem tħassib.** Fis-sistema attwali, għal ħatriet ġudizzjarji tal-ewwel darba, il-JAAB jirrakkomanda lill-Ministru għall-Ġustizzja tal-anqas seba' kandidati għal kull post vakanti[23]. Il-kandidati fil-lista l-qasira ma jiġux ikklassifikati skont il-preferenza, u l-Gvern mhuwiex marbut li jagħżel mil-lista. Il-promozzjonijiet ta' mħallfin isiru mill-President tal-Irlanda fuq il-parir tal-Gvern u mhumiex soġġetti għall-proċedura mwettqa mill-JAAB. Tqajjem tħassib dwar il-fatt li fir-rigward tad-diskrezzjoni wiesa' li tħalliet għas-setgħa eżekuttiva fis-sistema attwali[24]. L-Iskema Ġenerali tipprevedi li l-ħatriet u l-promozzjonijiet ġudizzjarji kollha jridu jkunu soġġetti għall-proċedura ġdida prevista, li hija kapaċi ssaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja. L-Iskema Ġenerali tipprevedi li l-Kummissjoni tippreżenta ħames kandidati mhux ikklassifikati lill-Gvern[25], u b'hekk tkompli tillimita d-diskrezzjoni tal-Gvern meta mqabbla mas-sistema attwali ta' lista ta' seba' kandidati. Madankollu, l-abbozz ta' liġi tal-2017 ippreveda limitazzjoni saħansitra akbar, filwaqt li ppropona lista ta' tliet kandidati klassifikati biss. L-għadd ta' kandidati li għandu jiġi ppreżentat u n-nuqqas ta' klassifikazzjoni previst mill-Iskema Ġenerali ġdida jipprovdu lill-Gvern b'diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tal-ħatriet ġudizzjarji, li qajjem kritika[26]. Din id-diskrezzjoni hija amplifikata aktar bil-possibbiltà għall-Gvern li jagħżel applikant li ma jkunx fil-lista mħejjija mill-Kummissjoni, mingħajr il-ħtieġa

jkun meħtieġ jippreżenta proposta ta' ħatra ġudizzjarja. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2019, AK, il-Kawżi Magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, il-paragrafi 137-138.

21 L-Opinjoni Nru 10 (2007) tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (CCJE) indirizzata lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kunsill għall-Ġudikatura għas-servizz tas-soċjetà, tat-23 ta' Novembru 2007, il-paragrafu 87; L-Opinjoni Nru 23 tas-CCJE (2020) The role of associations of judges in supporting judicial independence, il-paragrafu 47.

22 Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 47.

23 It-Taqsima 16 tal-Att tal-1995 dwar il-Qrati u l-Uffiċjali tal-Qrati. Meta inqas minn seba' persuni jinformaw lill-Bord bix-xewqa tagħhom li jinħatru għal kariga ġudizzjarja jew meta l-Bord ma jkunx jista' jirrakkomanda lill-Ministru mill-anqas seba' persuni, il-Bord għandu jippreżenta lill-Ministru l-isem ta' kull persuna li tixtieq tiġi kkunsidrata għall-ħatra u l-Bord għandu jirrakkomanda lill-Ministru il-ħatra ta' dawk il-persuni li huwa jqis xierqa.

24 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 3. Ir-rakkomandazzjoni pendenti tal-GRECO saħqet fuq il-ħtieġa li tiġi rieżaminata s-sistema attwali għall-għażla, għar-reklutaġġ, għall-promozzjoni u għat-trasferimenti ta' mħallfin bil-ħsieb li l-ħatriet jimmiraw lejn il-kandidati l-aktar kwalifikati u adattati b'mod trasparenti, mingħajr influwenza eċċessiva mis-setgħat eżekuttivi. GRECO Fourth Evaluation Round – Evaluation Report, il-paragrafu 132; GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, il-paragrafu 34.

25 Tmien rakkomandazzjonijiet f'istanzi fejn hemm żewġ postijiet vakanti; u 11-il rakkomandazzjoni fejn hemm tliet postijiet vakanti.

26 Il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda (2021) Submission to the Department of Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission, pp. 3-4. Irish Human Rights and Equality Commission (2021), Submission to the Minister for Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission,: "il-Kummissjoni tirrakkomanda li [il-Kummissjoni dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura] għandu jkollha rwol sinifikanti fil-provvista ta' proċess indipendenti, in-numru ta' kandidati li huma rrakkomandati lill-Gvern għandu jitnaqqas b'mod sinifikanti", p. 25. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-leġiżlazzjoni proposta tirrikjedi b'mod espliċitu li l-postijiet vakanti kollha jiġu rreklamati b'mod pubbliku u aċċessibbli (p. 21).

li jagħti raġunijiet[27]. Il-Gvern iqis li din id-diskrezzjoni hija meħtieġa mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali li jiddikjaraw li l-imħallfin jinħatru mill-President[28]. Minkejja dan, huwa importanti li din ir-riforma tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa relatati mal-ħtieġa li s-setgħa eżekuttiva ssegwi fil-prattika r-rakkomandazzjonijiet minn awtoritajiet indipendenti[29].

**Għaddejja ħidma dwar l-istabbiliment ta' reġim dixxiplinari għall-imħallfin, filwaqt li l-Parlament jibqa' inkarigat li jneħħi l-imħallfin**. Il-Kumitat dwar l-Imġiba tal-Ġudikatura tal-Kunsill tal-Ġudikatura, li ġie stabbilit fl-2020 biex jikkunsidra l-ilmenti fir-rigward tal-imġiba ħażina tal-ġudikatura, qed jabbozza l-Linji Gwida dwar l-Imġiba tal-Ġudikatura, il-proċeduri għal riżoluzzjoni informali tal-ilmenti u dwar l-ammissibilità u l-funzjonament tar-reġim tal-ilmenti. Jenħtieġ li l-proċedura tal-ilmenti tkun lesta biex tinbeda sas-sajf tal-2022[30]. Minkejja l-progress f'dan ir-rigward, in-nuqqas attwali ta' proċeduri dixxiplinari formali għall-imħallfin iqajjem tħassib[31], inkluż mis-soċjetà ċivili[32]. Għalhekk, il-linji gwida u l-proċeduri li ġejjin jistgħu jwasslu għal titjib fir-responsabbiltà tal-imħallfin; huwa importanti li huma jippreżervaw l-indipendenza ġudizzjarja f'konformità mad-dritt tal-UE u jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa[33]. Il-Parlament jibqa' responsabbli sabiex jiddeċiedi dwar it-tneħħija ta' mħallfin mill-kariga u jżomm il-marġni ta' diskrezzjoni tiegħu f'dan ir-rigward, u dan jista' joħloq tħassib dwar il-politiċizzazzjoni tal-proċess, avolja dan il-proċess qatt ma ntuża[34].

---

[27] Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenza tal-QĠUE tal-20 ta' April 2021, il-Kawża C-896/19, *Repubblika*, ECLI:EU:C:2021:311, il-paragrafu 71, fejn ir-rekwiżit f'Malta għall-Prim Ministru biex jagħti raġunijiet meta jippreżenta lill-President tar-Repubblika l-ħatra ta' kandidat mhux propost mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura mwaqqaf skont il-Kostituzzjoni, tqies rilevanti biex tiġi kkunsidrata dik is-setgħa tal-Prim Ministru, sakemm tiġi eżerċitata biss b'mod kompletament eċċezzjonali, biex ma toħloqx dubji leġittimi fir-rigward tal-indipendenza tal-kandidati magħżula.

[28] Il-Kostituzzjoni Irlandiża, l-Artikolu 35(1): "*L-imħallfin tal-Qorti Suprema, il-Qorti tal-Appell, il-Qorti Superjuri u l-Qrati l-oħra kollha stabbiliti skont l-Artikolu 34 għandhom jinħatru mill-President*".

[29] Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-imħallfin: indipendenza, effiċjenza u responsabbiltajiet, il-paragrafu 47, jipprevedi: "*Madankollu, meta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali jew legali oħrajn jistabbilixxu li l-kap tal-istat, il-gvern jew is-setgħa leġiżlattiva jieħdu deċiżjonijiet dwar l-għażla u l-karriera tal-imħallfin, jenħtieġ li jkun hemm awtorità kompetenti u indipendenti li parti sostanzjali minnha tkun ġejja mill-ġudikatura (mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għall-kunsilli għall-ġudikatura li jinsabu fil-Kapitolu IV) li tkun awtorizzata sabiex tagħmel rakkomandazzjonijiet jew tesprimi opinjonijiet li l-awtorità tal-ħatra rilevanti ssegwi fil-prattika*".

[30] L-iskadenza statutorja biex il-Bord tal-Kunsill Ġudizzjarju jirċievi l-abbozz ta' Linji Gwida dwar l-imġiba u l-etika tal-ġudikatura hija t-30 ta' Ġunju 2021 u l-iskadenza għall-adozzjoni ta' dawn il-Linji Gwida mill-Kunsill tal-Ġudikatura hija t-30 ta' Ġunju 2022.

[31] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 4. Rakkomandazzjoni pendenti tal-GRECO tirreferi għall-ħtieġa li jiġi stabbilit formalment kodiċi ta' kondotta għall-imħallfin u li tali strument jiġi marbut ma' mekkaniżmu ta' akkontabilità. GRECO Fourth Evaluation Round, il-paragrafu 146; GRECO Fourth Evaluation Round – Second *Interim* Compliance Report, il-paragrafu 44.

[32] Kontribut mill-Kunsill Irlandiż għal-Libertajiet Ċivili għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt "EU 2020: Demanding on Democracy, Country & Trend Reports on Democratic Records by Civil Liberties Organisations Across the European Union – Ireland", p. 5.

[33] Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 69. Rakkomandazzjoni pendenti tal-GRECO tirreferi għall-ħtieġa li jiġi stabbilit formalment kodiċi ta' kondotta għall-imħallfin u li tali strument jiġi marbut ma' mekkaniżmu ta' akkontabilità. GRECO Fourth Evaluation Round, il-paragrafu 146; GRECO Fourth Evaluation Round – *Interim* Compliance Report, il-paragrafu 43.

[34] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 3. Minbarra dan, l-ambitu tal-istħarriġ ġudizzjarju disponibbli f'każijiet ta' sanzjonijiet dixxiplinari jew ta' tneħħija mill-kariga huwa limitat għal-legalità tal-proċedura biss, mingħajr possibbiltà li

**Kwalità**

**L-għadd ta' mħallfin għadu baxx u r-riżorsi disponibbli għat-taħriġ tal-imħallfin jidhru li huma limitati.** L-għadd ta' mħallfin għal kull abitant għadu l-aktar baxx fl-UE, li jista' jaffettwa wkoll l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja Irlandiża[35]. Filwaqt li l-Gvern impenja ruħu li jirrevedi l-għadd u t-tipi ta' mħallfin meħtieġa biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja matul il-ħames snin li ġejjin[36], aktar miżuri immedjati jistgħu jindirizzaw tħassib imqajjem ukoll mill-partijiet ikkonċernati[37]. Il-baġit *per capita* għas-sistema ġudizzjarja żdied b'mod konsistenti f'dawn l-aħħar snin u huwa fost l-ogħla fl-UE, filwaqt li l-baġit bħala perċentwali tal-PDG staġna u baqa' aktar baxx mill-medja tal-UE[38]. Fir-rigward tat-taħriġ tal-ġudikatura[39], fl-2020, inħatar Direttur tal-Istudji Ġudizzjarji fuq bażi part-time (li huwa mħallef fis-servizz). Ma kienx possibbli li jiġi estiż il-programm ta' taħriġ, għalkemm dan l-aħħar sar progress fl-iżgurar tal-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' dak il-programm[40]. Fl-2021 sar stħarriġ tal-ħtiġijiet ta' taħriġ ġudizzjarju[41].

**Ir-riflessjoni dwar l-ispejjeż tal-litigazzjoni u s-sistema tal-għajnuna legali tkompli[42] u tista' twassal għal titjib fl-aċċess għall-ġustizzja.** Ir-rieżami tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja Ċivili[43] ġie ppubblikat f'Ottubru 2020 u jagħmel rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja ċivili, tiġi promossa r-riżoluzzjoni bikrija tat-tilwim, titnaqqas l-ispiża tal-litigazzjoni, tinħoloq sistema aktar reattiva u proporzjonata u jiġu żgurati riżultati aħjar għall-utenti tal-qorti. Ir-Rieżami rrakkomanda t-tfassil ta' linji gwida mhux vinkolanti dwar l-ispejjeż legali[44]. Il-Gvern nieda evalwazzjoni ta' din il-proposta, inkluż jekk l-ispejjeż legali għandhomx jiġu ffissati b'mod vinkolanti[45]. Ir-rakkomandazzjonijiet dwar din il-kwistjoni huma mistennija sa tmiem l-2021. Il-Gvern impenja ruħu wkoll li jibda rieżami tal-iskema ta' għajnuna legali ċivili din is-sena. Dawn l-inizjattivi jistgħu jgħinu biex jiġi indirizzat it-tħassib relatat mal-aċċess għall-ġustizzja u, b'mod partikolari, is-sistema ta' għajnuna legali ċivili[46]. Fir-rigward tal-għajnuna legali kriminali, il-Gvern jippjana li jittrasferixxi l-operazzjoni tal-iskema lill-Bord ta' Għajnuna Legali[47]. Filwaqt li l-iskema ta'

---

tiġi kkontestata s-sustanza tiegħu. L-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa li jirrikjedu r-rispett tal-indipendenza tal-ġudikatura mhux biss minn influwenzi indebiti li jiġu minn barra l-ġudikatura, iżda anki minn ġewwa. Ara wkoll in-nota tal-qiegħ 9.

35 Il-Figura 32, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.

36 Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2021), Il-Pjan tal-Ġustizzja 2021, l-azzjoni 80.

37 Kontribut mill-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 8.

38 Il-Figura 30, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021. Il-metodoloġija tal-miżuri tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tkejjel l-investiment fis-Sistema ġudizzjarja bħala perċentwal tal-PDG.

39 Fit-tieni Rapport Interim tiegħu fir-Raba' Ċiklu ta' Evalwazzjoni, GRECO kkunsidra li r-rakkomandazzjoni dwar l-istituzzjonalizzazzjoni u l-għoti ta' riżorsi adegwati għal taħriġ inizjali u waqt is-servizz għall-imħallfin, b'rispett lejn l-indipendenza tal-ġudikatura, kienet għadha ma ġietx osservata.

40 Kontribut mill-Irlanda għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.

41 *Ibid*.

42 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, pp. 5-6.

43 Review Group Report on the Administration of Civil Justice, Chairperson: L-Onorevoli Imħallef Peter Kelly, Eks President tal-Qorti Superjuri.

44 Review of the Administration of Civil Justice, Report, p. 322.

45 Ireland, Justice Plan 2021, azzjoni 83.

46 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, pp. 5-6.

47 L-Irlanda, Justice Plan 2021, azzjoni 88.

għajnuna legali kriminali hija ġeneralment meqjusa li tiffunzjona tajjeb, il-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda qajmet tħassib dwar il-livell baxx ta' remunerazzjoni pprovduta lill-barristers taħt l-iskema[48]. Biex jitjieb l-aċċess għall-ġustizzja, it-tisħiħ tas-sistemi ta' għajnuna legali u l-limitazzjoni tal-ispejjeż legali huma importanti. Barra minn hekk, il-promozzjoni u l-inċentivi għall-użu ta' metodi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim jistgħu jittejbu aktar[49].

**L-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali qed tieħu miżuri ulterjuri sabiex tindirizza l-ostakli li fadal fis-suq tas-servizzi legali**. L-awtorità qed tippjana li tintroduċi qabel tmiem l-2021 il-qafas għas-Sħubijiet Legali (li jista' jinkludi sħubijiet barrister-barrister u sħubijiet barrister-solicitor). L-Awtorità biħsiebha wkoll tirrevedi l-introduzzjoni dwar prattiki multidixxiplinari (li jinvolvu operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u professjonijiet oħra – eżempju periti, kontabilisti) wara l-introduzzjoni ta' Sħubijiet Legali. Fl-2020, l-Awtorità ppubblikat rapport li kkunsidra jekk il-professjonijiet ta' solicitor u barrister għandhomx jiġu unifikati. Ir-rapport ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda bażi evidenzjali għar-rakkomandazzjoni tal-unifikazzjoni tal-professjonijiet iżda impenja ruħu li jirrevedi l-kwistjoni ladarba riformi oħra skont l-Att ikunu ġew inkorporati[50]. L-Awtorità ppubblikat ukoll rapport dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-operatur fil-qasam tal-ġustizzja, filwaqt li rrakkomandat riformi biex jiġu definiti l-kompetenza u l-istandards meħtieġa għall-prattika bħala solicitor jew barrister. Tirrakkomanda wkoll it-twaqqif ta' qafas statutorju biex jakkredita fornituri eżistenti ta' edukazzjoni u taħriġ għall-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, kif ukoll li jippermetti lil fornituri ġodda li jiġu akkreditati biex jipprovdu taħriġ professjonali għas-solicitors u l-barristers[51]. L-awtorità issa qed taħdem mad-Dipartiment tal-Ġustizzja dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. L-awtorità qed twettaq ukoll proġett ta' riċerka dwar ostakli potenzjali li jistgħu jeżistu biex tinbeda karriera bħala barrister jew solicitor, li għandu jinħareġ qabel tmiem l-2021. Fl-2020, l-Awtorità ħadet f'idejha r-regolamentazzjoni tar-reklamar mill-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja, bl-introduzzjoni ta' regolamenti ġodda[52]. Ikun importanti għall-Awtorità li tivvaluta jekk u kif il-miżuri meħuda kkontribwew biex jillimitaw l-ispejjeż legali u jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja.

**Il-ħidma tkompli[53] sabiex jiġu rimedjati l-lakuni eżistenti fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja.** Is-Servizz tal-Qrati ħareġ strateġija fit-tul[54], li għandha l-għan li tappoġġa aħjar l-aċċess għall-ġustizzja. Il-prijoritajiet tal-programm ta' modernizzazzjoni jinkludu l-eFfiling, sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, u l-istabbiliment tal-infrastruttura li tiffaċilita l-Qrati Elettroniċi. Matul il-pandemija tal-COVID-19, programm ta' Courtroom Virtwali ppermetta aktar minn 2 200 sessjoni virtwali tal-qorti minn Marzu 2020. Il-qrati remoti jkomplu joperaw fil-ġuriżdizzjonijiet kollha, b'mod estensiv, fil-Qorti Suprema, fil-Qorti tal-Appell u fil-Qorti Superjuri, u huma ppjanati li jkomplu joperaw fil-futur. Minkejja

[48] Kontribut mill-Kamra tal-Avukati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 8.

[49] Il-Figura 27, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.

[50] L-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), Greater than the Sum of Its Parts? Konsiderazzjoni tal-Unifikazzjoni tal-Professjoni tas-Solicitors u l-Professjoni tal-Barristers.

[51] Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), Setting Standards: Legal Practitioner Education and Training.

[52] Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), Stqarrija għall-Istampa— LSRA takes over the regulation of advertising by legal practitioners.

[53] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, pp. 6-7.

[54] Irish Court Service (2020), The Courts Service Long-Term Strategic Vision to 2030: Supporting Access to Justice in a modern, digital Ireland.

l-miżuri tal-2020 li jippermettu l-użu akbar ta' seduti ta' smigħ mill-bogħod f'materji ċivili u f'appelli kriminali, l-Irlanda għandha punteġġ inqas mill-medja tal-UE fir-rigward tar-regoli proċedurali li jippermettu t-teknoloġija diġitali fil-qrati f'kawżi ċivili/kummerċjali, amministrattivi u kriminali[55]. L-Irlanda għandha wkoll punteġġ inqas mill-medja fir-rigward tal-użu tat-teknoloġija diġitali mill-qrati u s-servizz ta' prosekuzzjoni[56], l-għodod ta' komunikazzjoni elettronika fil-qrati[57], soluzzjonijiet diġitali biex jitwettqu u jiġu segwiti l-proċedimenti tal-qorti f'kawżi kriminali[58] u l-aċċess online għal sentenzi ppubblikati mill-pubbliku ġenerali[59]. Għalhekk, hija meħtieġa diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistema ġudizzjarja Irlandiża biex jiġu rimedjati l-lakuni eżistenti, u wkoll biex tkun tista' tinġabar *data* dwar it-tul tal-proċedimenti skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (European Commission for the Efficiency of Justice, CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa[60].

**Il-Gvern ħabbar rieżami li jkopri l-funzjonament tal-Qrati Kriminali Speċjali**. In-Nazzjonijiet Uniti[61] u s-soċjetà ċivili[62] ilhom ħafna jappellaw biex tiġi kkunsidrata l-abolizzjoni tal-Qorti Kriminali Speċjali, li ġiet stabbilita fl-1972 biex tittratta każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata, jew issaħħaħ il-proċedura tal-Qorti biex tiżgura d-dritt għal proċess ġust. Fi Frar 2021, il-Gvern ħatar grupp biex jagħmel rieżami tal-Atti dwar ir-Reati Kontra l-Istat. Il-mandat tal-grupp ta' rieżami jkopri l-funzjonament tal-Qorti Kriminali Speċjali[63].

## Effiċjenza

**Sfidi relatati mat-tul tal-proċedimenti aggravaw[64].** Il-tul medju tal-proċediment fil-Qorti Superjuri fl-2019 kien ta' 785 jum, żieda ta' madwar 35 jum mill-2018. B'mod partikolari, it-tul tal-proċedimenti kummerċjali kompla jiżdied, b'madwar 220 jum mill-2018 sal-2019. B'kuntrast, il-tul tal-proċedimenti fil-qrati taċ-ċirkwit u distrettwali naqas fl-2019 meta mqabbel mal-2018, wara żieda fis-sena preċedenti. It-tul tal-proċedimenti fil-Qorti tal-Appell żdied b'madwar 110 ijiem bejn l-2019 (1220 jum) u l-2018 (1101 jum). Bejn l-2018 u l-2019, it-tul tal-proċedimenti kriminali żdied b'madwar 120 jum fil-qorti taċ-ċirkwit u b'madwar 100 jum fil-qorti kriminali ċentrali[65]. Ir-Rieżami tal-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja Ċivili għamlet rakkomandazzjonijiet biex jitnaqqas id-dewmien u l-ħin tal-proċedimenti[66]. Abbozz

[55] Il-Figura 40, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.
[56] Il-Figura 41, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.
[57] Il-Figura 42, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.
[58] Il-Figura 5, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.
[59] Il-Figura 6, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2021.
[60] Input tad-*data* tal-CEPEJ mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.
[61] Il-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (2014), Concluding observations on the fourth periodic report of Ireland.
[62] Irish Council for Civil Liberties (2020), *Untenable in a democracy: ICCL renews call for abolition of Special Criminal Court*.
[63] Kontribut mill-Irlanda għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.
[64] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 7.
[65] Kontribut mill-Irlanda għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 16.
[66] Department of Justice (2020), Review of the Administration of Civil Justice, Report, pp. 398-399.

ta' liġi tal-Proċedura Kriminali li jipprevedi seduti ta' smigħ qabel il-proċess, li jista' jipprevedi proċess tal-qorti aktar mgħaġġel u aktar effiċjenti għal ċerti reati, ġie ffirmat fil-liġi fl-24 ta' Mejju 2021[67].

**Il-Gvern qed jippjana li jipproponi skema ta' kumpens għal każijiet ta' tul eċċessiv ta' proċedimenti tal-qorti qabel tmiem l-2021.** Dan huwa meħtieġ minn sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-eżekuzzjoni tagħha għadha b'superviżjoni msaħħa mill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa[68].

## II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Fl-Irlanda, l-investigazzjoni tal-korruzzjoni hija r-responsabbiltà ta' *An Garda Síochána*, is-servizz tal-pulizija u tas-sigurtà nazzjonali. L-Unità Kontra l-Korruzjoni fil-Bureau għall-Kriminalità Ekonomika tal-Garda (Garda National Economic Crime Bureau) hija esklussivament responsabbli mill-investigazzjoni ta' tixħin barrani u responsabbli għall-investigazzjoni ta' każijiet ta' tixħim domestiku u korruzzjoni ta' importanza nazzjonali. L-Unità Kontra l-Korruzzjoni taġixxi bħala ċentru ta' eċċellenza għall-investigazzjoni, il-prevenzjoni u t-tfixkil tat-tixħim u l-korruzzjoni. Il-Pulizija twettaq investigazzjonijiet kriminali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Unità ġdida ffokata fuq l-investigazzjoni tal-korruzzjoni fil-forza tal-pulizija bdiet topera f'Novembru 2020. Reċentement ġiet żviluppata Sistema ta' Ġestjoni tal-Investigazzjoni (Investigation Management System, IMS) ġdida u bħalissa qed tiġi ppruvata mis-servizz nazzjonali tal-pulizija u tas-sigurtà. Il-Kummissjoni dwar l-Istandards f'Karigi Pubbliċi (Standards in Public Office Commission, SIPO) hija responsabbli għall-infurzar tal-Atti Elettorali, tal-Atti dwar l-Etika u tar-Regolamentazzjoni tal-Att tal-2015 dwar il-Lobbying.

**Il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju hija li l-livell ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku għadu relattivament baxx.** Fl-Indiċi tal-2020 tal-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni ta' Transparency International, l-Irlanda ġġib 72/100 u tikklassifika fis-seba' post fl-Unjoni Ewropea u fl-għoxrin post globalment[69]. Din il-perċezzjoni kienet relattivament stabbli[70] matul l-aħħar ħames snin[71].

**Wara rieżami komprensiv, il-gvern qed jippjana reviżjonijiet tal-qafas leġiżlattiv kriminali biex tissaħħa l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.** Il-liġi tal-2018 dwar il-ġustizzja kriminali[72] tipprovdi leġiżlazzjoni konsolidata unika. Il-liġi fir-rigward tat-tixħim u l-korruzzjoni ġiet aġġornata u kkonsolidata sal-2018 u issa huwa reat kriminali li wieħed jonqos milli jirrapporta reati ta' tixħin u korruzzjoni lill-pulizija. Ir-reati ta' korruzzjoni

---

[67] Abbozz ta' Liġi dwar il-Proċedura Krminali tal-2021 (Criminal Procedure Bill 2021).

[68] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 8.

[69] L-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2020 (2021) ta' Transparency International, pp. 2-3. Il-livell ta' perċezzjoni ta' korruzzjoni huwa kkategorizzat kif ġej: baxx (il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju tal-punteġġ tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku hija ogħla minn 79); relattivament baxx (punteġġ bejn 79 u 60), relattivament għoli (punteġġ bejn 59 u 50), għoli (punteġġ anqas minn 50).

[70] Fl-2015 il-punteġġ kien ta' 75, filwaqt li fl-2020, il-punteġġ kien ta' 72. Il-punteġġ jiżdied/jonqos b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; jitjieb/jiddeterjora (bidliet bejn 4 u 5 punti); huwa relattivament stabbli (bidliet minn 1 sa 3 punti) fl-aħħar ħames snin.

[71] Id-*data* tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni u l-esperjenza tal-korruzzjoni taċ-ċittadini u n-negozji kif irrappurtata s-sena l-oħra tiġi aġġornata kull sentejn. L-aħħar sett ta' *data* huwa l-Ewrobarometru Speċjali 502(2020) u l-Ewrobarometru Flash 482 (2019).

[72] L-Att tal-2018 dwar il-Ġustizzja Kriminali (Reati ta' Korruzzjoni).

għandhom ukoll effett extraterritorjali skont l-Att għall-korruzzjoni barranija jekk jiġi ppruvat li parti mill-imġiba rilevanti barra mill-Istat tkun reat jekk isseħħ fl-Irlanda[73]. Kif irrappurtat is-sena l-oħra, saret valutazzjoni fil-fond dwar l-effettività tal-awtoritajiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u l-korruzzjoni[74]. L-hekk imsejħa "Hamilton review"[75] ġiet ippubblikata f'Diċembru 2020. Wara din il-valutazzjoni, il-Ministeru tal-Ġustizzja identifika l-prijoritajiet li jistgħu jiġu implimentati fuq perjodu ta' żmien qasir, bħall-promulgazzjoni tal-abbozz tal-liġi dwar il-proċedura kriminali, inkluż fil-programm leġiżlattiv attwali għall-adozzjoni. Prijoritajiet ulterjuri jinkludu t-tisħiħ tal-liġi fil-qasam tal-etika tas-settur pubbliku u l-emendar tal-leġiżlazzjoni biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' ksur possibbli ta' ex membri tal-Parlament (Kmamar tal-Parlament Irlandiż) li setgħu kisru l-obbligi tagħhom skont l-Atti dwar l-Etika. Dawn jinkludu wkoll l-emendar tal-leġiżlazzjoni tal-ġustizzja kriminali biex ikunu permessi mandati ta' tiftix awtonomi li jippermettu lill-pulizija titlob passwords għal apparat elettroniku li jkun proprjetà ta' persuni soġġetti għal mandati ta' arrest jew ikkontrollat minnhom[76].

**Bħalissa l-Irlanda qed tagħmel rieżami tal-istruttura nazzjonali tagħha kontra l-korruzzjoni.** Waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-*Hamilton review* hija t-twaqqif, fuq bażi permanenti, ta' kunsill konsultattiv transettorjali biex jikkoordina u jmexxi approċċ olistiku għar-reati ekonomiċi u l-korruzzjoni. Biex tiġi indirizzata strateġija nazzjonali għall-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u l-korruzzjoni u d-diversi awtoritajiet b'kompetenzi kontra l-korruzzjoni, il-*Hamilton review* rrakkomandat ukoll l-iżvilupp ta' strateġija pluriennali u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha[77].

**Il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet għall-politiki kontra l-korruzzjoni kif ukoll għas-sejbien, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni huma kondiviżi bejn korpi speċjalizzati differenti tal-infurzar tal-liġi.** Il-Bureau tal-Kriminalità Ekonomika Garda (Garda National Economic Crime Bureau, GNECB) u l-Unità speċjalizzata tiegħu Kontra l-Korruzzjoni b'mod partikolari huma responsabbli għall-investigazzjoni tar-reati kollha ta' korruzzjoni, inkluż it-tixħim barrani. Filwaqt li reċentement il-pulizija ġiet allokata riżorsi sostanzjali[78], ma kienx hemm żieda proporzjonata fir-riżorsi għall-Uffiċċju tad-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi (Office of the Director of Public Prosecutions, ODPP), għalkemm iż-żieda fir-riżorsi ta' partijiet oħra tas-sistema (pulizija, qrati, imħallfin) għandha impatt fuq l-ammont ta' xogħol tal-ODPP, billi għadd akbar ta' pulizija, każijiet identifikati u investigazzjonijiet joħolqu aktar fajls ta' prosekuzzjoni għall-ODPP. Fil-pulizija, saret operattiva wkoll unità ġdida kontra l-korruzzjoni biex tittratta l-investigazzjonijiet dwar il-korruzzjoni interna. L-ODPP jiffoka esklużivament fuq il-prosekuzzjoni ta' reati ppreżentati mill-awtoritajiet investigattivi u ma għandu l-ebda funzjoni ta' prevenzjoni. L-ODPP għandu Unità Speċjali tal-Kriminalità Finanzjarja, li l-Unità kontra l-Korruzzjoni tikkoordina

[73] L-Att tal-2019 tal-Liġi Kriminali (Ġuriżdizzjoni Ekstraterritorjali), it-Taqsima 3.
[74] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 10.
[75] Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020), Review Group Report on structures and strategies to prevent, investigate and penalise economic crime and corruption.
[76] Id-Dipartiment ta' Taoiseach (2020), Programme for Government: Our Shared Future.
[77] Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2021), Hamilton Review Group Implementation Plan. Pjan ta' Implimentazzjoni biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet ġie ppubblikat f'April 2021.
[78] *An Garda Síochána* alloka baġit ta' EUR 1,952 biljun għall-2021. Dan il-livell ta' finanzjament qed jippermetti r-reklutaġġ kontinwu ta' membri u persunal tal-Garda. B'riżultat ta' dan, in-numri tal-Garda issa huma aktar minnn 14 600 membru tal-Garda u 3 000 persunal tal-Garda fil-pajjiż kollu. Il-Baġit 2021 jipprevedi r-reklutaġġ ta' massimu ta' 620 Gardaí ġdid u 500 impjegat ieħor tal-Garda.

direttament magħhom fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni rilevanti. Il-pulizija hija membru tal-inizjattiva "Integrità fuq ix-Xogħol" ta' Transparency International u tipprova tippromwovi ambjent tax-xogħol ta' appoġġ għar-rappurtar ta' tħassib dwar għemil ħażin. L-Unità Kontra l-Korruzzjoni, GNECB topera linja ta' rapportar kunfidenzjali b'xejn għat-tixħin u l-korruzzjoni.

**Ir-riżorsi limitati jibqgħu ta' sfida għall-Unità Kontra l-Korruzzjoni fil-Bureau Nazzjonali tal-Kriminalità Ekonomika tal-Garda (Garda National Economic Crime Bureau, GNECB).** Bħalissa, il-GNECB għandu 74 investigatur (12 minnhom jinsabu fuq trasferiment temporanju), 18-il membru tal-persunal u tliet Kontabilisti Forensiċi. L-Unità Kontra l-Korruzzjoni fil-GNECB bħalissa hija magħmula minn tliet persuni biss, surġent ditektiv u żewġ investigaturi ditektivi. Reċentement tlestiet kompetizzjoni biex jintgħażlu d-ditektivs għall-allokazzjoni lill-GNECB u l-Unità Kontra l-Korruzzjoni se tirċievi membru tal-persunal addizzjonali. L-Unità Kontra l-Korruzzjoni tuża riżorsi fil-GNECB meta twettaq operazzjonijiet kbar u għandha relazzjoni ta' ħidma mill-qrib ma' unitajiet nazzjonali oħra[79]. Il-*Hamilton review* nnotat in-nuqqas ta' riżorsi tal-Unità Kontra l-Korruzzjoni, u rrakomandat li jiġi żgurat li jingħataw riżorsi addizzjonali lill-GNECB, kif ukoll lill-Uffiċċju tad-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi. Ir-rakkomandazzjoni speċifika għal dan tal-aħħar kienet tinkludi prosekuturi addizzjonali, minbarra speċjalist sekondat fil-forensika diġitali u kontabilist forensiku sekondat[80]. Skont id-*data* tal-GNECB, l-unità bħalissa għandha disa' investigazzjonijiet ta' korruzzjoni li għadhom għaddejjin, li minnhom tliet investigazzjonijiet jikkonċernaw tixħim barrani ta' uffiċjali pubbliċi barranin.

**L-analiżi tal-evidenza elettronika fil-każijiet ta' korruzzjoni hija ta' sfida.** Reċentement ġiet żviluppata Sistema ta' Ġestjoni tal-Investigazzjoni (Investigation Management System, IMS) u bħalissa din qed tiġi ppruvata. Din is-sistema se tistandardizza l-investigazzjonijiet kollha u se tirreġistra l-azzjonijiet kollha li jissostitwixxu s-sistemi bbażati fuq il-karta li qed jintużaw bħalissa. Skont l-awtoritajiet, il-ġbir ta' evidenza elettronika, inkluż *data* dwar il-mowbajls, *data* tal-kompjuter, *data* tal-cloud u *data* minn networks soċjali hija sfida oħra[81]. L-Unità Kontra l-Korruzzjoni bħalissa ma għandhiex aċċess għal għodda li tippermetti l-eżami effettiv u effiċjenti ta' din id-*data*. Dan jirriżulta fl-eżami ta' *data* elettronika li jieħu ammont sinifikanti ta' riżorsi investigattivi u li jirriżulta f'dewmien sinifikanti fl-investigazzjonijiet.

**Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-miżuri ta' integrità huma fis-seħħ, madankollu għad fadal sfidi fir-rigward tal-infurzar tar-regoli.** Ir-regoli u l-proċeduri ġenerali dwar l-iżvelar tal-assi huma stabbiliti fl-Att dwar l-Etika[82]. L-interessi li għandhom jiġu żvelati u l-evidenza dwar il-konformità jridu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għall-Istandards fl-Uffiċċju Pubbliku (Standards in Public Office Commission, SIPO) mill-membri

[79] Bħall Bureau tal-Assi Kriminali, il-Bureau Nazzjonali tal-Kriminalità Ċibernetika tal-Garda, il-Bureau Nazzjonali tal-Investigazzjoni Kriminali tal-Garda u l-Bureau Nazzjonali tad-Drogi u l-Kriminalità Organizzata tal-Garda. Id-ditektivs marbuta mal-Unità Kontra l-Korruzzjoni huma membri ta' An Garda Síochána.

[80] Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020), Review Group Report on structures and strategies to prevent, investigate and penalise economic crime and corruption.

[81] Kontribut bil-miktub li rċieva l-Bureau Nazzjonali tal-Kriminalità Ekonomika tal-Garda fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Irlanda.

[82] L-Att tal-1995 dwar l-Etika fil-Karigi Pubbliċi u l-Att tal-2001 dwar l-Istandards f'Karigi Pubbliċi huma kkwotati flimkien bħala l-Atti dwar l-Etika. Il-Ministru għan-Nefqa Pubblika u r-Riforma huwa responsabbli għal dawn l-Atti.

kollha taż-żewġ Kmamar tal-Parlament, l-Avukat Ġenerali u l-persuni maħtura f'karigi għolja f'korpi pubbliċi. Is-SIPO tkomplis tissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, iżda ġew rapportati sfidi[83] billi l-interessi li għandhom jiġu żvelati ma jinkludux l-obbligazzjonijiet (self ipotekarju, self, eċċ.) u l-iżvelar pubbliku jikkonċerna biss il-membri tal-Parlament. Is-SIPO ma għandha l-ebda mandat li tinvestiga azzjonijiet ta' detentur ta' kariga jew impjegat taċ-ċivil meta l-azzjonijiet jittieħdu wara li jitlaq mill-kariga.

**Għad fadal xi nuqqasijiet fir-rigward tal-kapaċità li jiġu infurzati r-regoli dwar il-lobbying u r-revolving doors.** L-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Lobbying tal-2015 ħoloq rekwiżit għal reġistru ta' lobbyists. It-Tieni Rieżami Statutorju tal-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Lobbying tal-2015 ġie ppubblikat fi Frar 2020[84]. Ir-Reġistru, li huwa sistema bbażata fuq l-internet[85], huwa ssorveljat mis-SIPO. Bħalissa hemm aktar minn 2 100 organizzazzjoni u individwu li rreġistraw fir-Reġistru. Is-SIPO għandha ċerti setgħat ta' infurzar skont il-liġi, inkluża l-kapaċità li jwettaq investigazzjonijiet fejn jemmen li persuna setgħet wettqet kontravenzjoni. Barra minn hekk, għandha s-setgħa li tressaq u tipproċessa reati speċifiċi, inkluż fejn persuna li tagħmel il-lobbying ma tkunx irreġistrat[86]. Ir-Regolament jipprevedi wkoll perjodu ta' "preklużjoni" ta' sena wara l-impjieg, li matulu uffiċjali pubbliċi partikolari ma jistgħux iwettqu attivitajiet speċifiċi ta' lobbying. Minbarra r-Regolament, hemm referenzi għal restrizzjonijiet ta' wara l-impjieg fil-Kodiċi ta' Kondotta għad-detenturi ta' karigi u fil-Kodiċi ta' Standards u Mġiba tas-Servizz Ċivili. Filwaqt li taħdem f'riżorsi limitati (li taqsam mal-Uffiċċju tal-Ombudsman), is-SIPO ma tistax issegwi b'mod proattiv il-konformità mal-kodiċijiet ta' kondotta. Fir-rigward tar-revolving doors, ir-restrizzjonijiet ta' wara l-impjieg huma inklużi fl-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Lobbying tal-2015, il-Kodiċi ta' Kondotta għad-detenturi ta' karigi u l-Kodiċi ta' Standards u Mġiba tas-Servizz Ċivili. Madankollu, is-SIPO ma għandhiex is-setgħat meħtieġa biex timmonitorja l-irregolaritajiet.

**Ir-regoli armonizzati dwar il-kunflitt ta' interess għadhom pendenti.** Bħalissa qed isir rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar l-etika mill-Gvern, wara l-abbozz tal-liġi tal-Istandards tas-Settur Pubbliku tal-2015[87], li kien isaħħaħ il-qafas eżistenti għall-identifikazzjoni, l-ivżelar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-minimizzazzjoni tar-riskji ta' korruzzjoni, li skadew bix-xoljiment tal-aħħar parlament[88]. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-miżuri ta' integrità ġew identifikati fost il-prijoritajiet tal-Programm tal-Gvern tal-2020. Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) innota f'dan ir-rigward li t-twaqqif ta' qafas legali uniformi u kkonsolidat għall-imġiba etika tal-membri tal-parlament u t-titjib tar-reġim tad-dikjarazzjoni tal-assi ġew affettwati mill-iskadenza tal-abbozz tal-liġi tal-2015[89].

---

[83] Informazzjoni pprovduta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Irlanda.

[84] Ir-Rieżami jinkludi għadd ta' azzjonijiet ulterjuri rakkomandati li l-Kummissjoni dwar l-Istandards għandha tikkunsidra, li l-biċċa l-kbira minnhom huma relatati ma' talbiet riċevuti għal aktar ċarezza, gwida u edukazzjoni. Id-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma (2020) It-Tieni Rieżami Statutorju tal-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tal-Lobbying 2015. It-tielet rieżami statutorju tal-Att tal-2015 huwa meħtieġa li jibda sal-1 ta' Settembru 2022.

[85] Ara www.lobbying.ie.

[86] Id-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma (2020) Second Statutory Review of the Regulation of Lobbying Act 2015.

[87] L-Abbozz ta' Liġi tal-2015 dwar l-Istandards tas-Settur Pubbliku.

[88] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 10.

[89] GRECO Fourth Evaluation Round – *Interim* Complience Report, p. 9.

**Fir-rigward tal-miżuri biex tiġi indirizzata u mitigata l-pandemija tal-COVID-19, jidher li l-akkwist pubbliku huwa qasam ta' riskju għoli għat-tixħim u l-korruzzjoni**. Bħalissa, erbgħa mill-investigazzjonijiet li għaddejjin tal-Unità Kontra l-Korruzzjoni huma relatati mal-akkwist, u l-assistenza ġiet ipprovduta fi tliet każijiet oħra. Il-GNECB mexxa wkoll "Ġimgħa ta' Sensibilizzazzjoni dwar il-Frodi" fejn kien hemm esponiment regolari mill-media dwar il-prevenzjoni tal-frodi. Il-frodi tal-akkwist tal-COVID-19 dehret bħala suġġett matul din il-kampanja.

## III. Il-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media

Fl-Irlanda, il-libertà tal-espressjoni hija protetta mill-Kostituzzjoni, li tirrikjedi li l-Istat jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa[90]. Reviżjoni leġiżlattiva maġġuri tal-liġi dwar il-media hija mistennija li tiġi ffinalizzata fl-2021 fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva[91].

**Il-qafas legali għar-regolatur tal-media indipendenti qed jiġi rivedut.** Il-qafas regolatorju l-ġdid, li għandu jiġi stabbilit mill-abbozz ta' liġi li jmiss dwar is-sikurezza online u r-regolamentazzjoni tal-media[92], jipprevedi x-xoljiment tal-Awtorità tax-Xandir tal-Irlanda (Broadcasting Authority of Ireland, BAI) u l-assenjament tal-funzjonijiet kollha tagħha lill-Kummissjoni tal-Media l-ġdida. Il-Kummissjoni tal-Media se tingħata wkoll setgħat ġodda ta' konformità u sanzjoni, inkluża s-setgħa li tfittex l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji amministrattivi, bil-ħsieb li tissorvelja l-qafas il-ġdid għas-servizzi online. Il-Kummissjoni tal-Media se tinkludi massimu ta' sitt Kummissarji, maħtura wara kompetizzjoni miftuħa, immexxija mis-Servizz tal-Ħatriet Pubbliċi. Bħalissa hemm disa' membri tal-BAI, li ħamsa minnhom jinħatru mill-Gvern fuq in-nomina tal-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura, l-Arti, il-Gaeltacht, l-Isport u l-Media[93]. Il-Kummissjoni l-ġdida se tkun irregolata minn president eżekuttiv bi rwol maniġerjali. L-Iskema Ġenerali tal-abbozz ta' liġi tipproponi li żżomm il-finanzjament tal-attivitajiet regolatorji tal-Kummissjoni l-ġdida tal-Media permezz tal-introduzzjoni ta' imposti industrijali, b' mod simili għall-iskema attwali ta' finanzjament tal-BAI[94]. L-Iskema Ġenerali tikkonferma li l-Kummissjoni għandha tkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Huwa mistenni li l-qafas legali l-ġdid jiġi adottat sal-aħħar tal-2021. B'mod simili għall-2020, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (Media Pluralism Monitor - MPM)[95] tal-2021 ivvalutat ir-riskji għall-indipendenza u l-effettività tar-regolatur tal-media Irlandiż bħala f'livell baxx, filwaqt li enfasizzat li s-salvagwardji legali eżistenti effettivament inaqqsu l-ambitu għal interferenza esterna potenzjali.

---

[90] Il-Kostituzzjoni Irlandiża, l-Artikolu 40.

[91] Id-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu. L-Irlanda ġiet ikklassifikata fit-tnax-il post fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2021 (is-seba' post fost l-Istati Membri tal-UE), post aktar 'il fuq meta mqabbel mal-2020, meta ġiet ikklassifikata fit-tlettax-il post. Reporters mingħajr fruntieri, l-Irlanda.

[92] L-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Sikurezza Online u l-Media se jkollu l-għan li jittrasponi d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

[93] Il-persunal u l-funzjonijiet attwali tal-BAI se jiġu ssorveljati mill-Kummissarju għax-Xandir.

[94] Sabiex jappoġġa s-settur tal-media tal-aħbarijiet matul il-pandemija tal-COVID 19, il-Ministru għall-Komunikazzjoni, l-Azzjoni Klimatika u l-Ambjent talab lill-BAI tikkunsidra li tneħħi l-imposta fuq l-istazzjonijiet tar-radju indipendenti għall-ewwel sitt xhur tal-2020. Skont ir-Rapport Annwali tal-2019, il-BAI aċċetta din it-talba, filwaqt li segwa għadd ta' strateġiji tal-ġestjoni tal-flussi tal-flus u baġitarji.

[95] L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport tal-pajjiż dwar l-Irlanda, p. 10.

**L-Irlanda għandha sistema stabbilita sew ta' korpi awtoregolatorji fis-settur tal-media tal-aħbarijiet.** Il-qafas huwa bbażat fuq l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Istampa tal-Irlanda (Press Council of Ireland, PCI)[96] u l-Uffiċċju tal-Istampa tal-Ombudsman (PO), u jkopri gazzetti (stampati u online), rivisti u pubblikazzjonijiet tal-aħbarijiet online biss li huma membri tal-Kunsill tal-Istampa. Skont ir-rapport annwali tal-2020, is-sena li għaddiet kienu ppreżentati 346 ilment lill-PCI u 25 ġew analizzati mill-PO[97]. Dan jikkostitwixxi f'żieda meta mqabbel mal-252 ilment ippreżentati fl-2019[98]. Fl-2021, il-PO diġà eżamina 10 każijiet[99].

**Ġew stabbiliti diversi miżuri biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi tax-xandir miftuħa u pluralistiċi fl-Irlanda**[100]. Fil-11 ta' Novembru 2020 tnediet bażi tad-*data*[101] li tista' tiġi mfittxija li tkopri l-informazzjoni tas-sjieda rigward in-negozji tal-media li huma proprjetà tal-Irlanda. Din se tkun soġġetta għal aġġornamenti regolari kull sitt xhur. Skont l-Att tal-2014 dwar il-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura, l-Arti, il-Gaeltacht, l-Isport u l-Media huwa kompetenti biex jivvaluta l-effetti tat-tranżazzjonijiet tas-sjieda (fużjonijiet) fis-settur tal-media fuq il-pluralità tal-media fl-Irlanda[102]. Barra minn hekk, kull tliet snin, il-BAI hija meħtieġa twettaq rieżami tas-sjieda tan-negozji tal-media fl-Irlanda, li jiffoka, b'mod partikolari, fuq il-bidliet fis-sjieda u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-pluralità tal-media. L-ewwel żewġ rieżamijiet saru fl-2015 u fl-2018. Bi tħejjija għar-rieżami li jmiss, ippjanat għall-2021[103], il-BAI organizza konsultazzjoni pubblika għall-partijiet ikkonċernati, li baqgħet għaddejja sat-30 ta' April 2021. Dawn il-miżuri ta' trasparenza[104] huma importanti, filwaqt li jitqies il-livell għoli ta' konċentrazzjoni fis-settur tal-media Irlandiża, speċjalment fil-livell lokali[105]. L-MPM tal-2021 tirreferi għal nuqqas ta' *data* biex tkun tista' tiġi vvalutata l-konċentrazzjoni tal-media tal-aħbarijiet[106].

---

96 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 12.

97 Ir-Rapport Annwali tal-2020 tal-Kunsill tal-Istampa.

98 Ibid.

99 Il-Kunsill tal-Istampa tal-Irlanda, Deċiżjoni tal-Ombudsman tal-Istampa.

100 Kif stipulat fit-Taqsima 25 tal-Att tal-2009 dwar ix-Xandir. Dan il-prinċipju huwa mistenni li jiġi kkonfermat fl-Abbozz ta' Liġi li jmiss dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar is-Sikurezza Online u r-Regolamentazzjoni tal-Media – il-Kapitolu 10.

101 Il-bażi tad-*data* ġiet iddiżinjata u miżmuma mill-persunal tal-Iskola tal-Komunikazzjonijiet tad-DCU. Il-proġett huwa inizjattiva tal-BAI fil-kuntest tar-rekwiżit statutorju tiegħu li jwettaq riċerka relatata mal-pluralità tal-media fl-Irlanda. Il-bażi tad-*data* tista' tiġi kkonsultata hawn: mediaownership.ie

102 Fil-perjodu tal-2018-20, ġew approvati l-fużjonijiet kollha tal-media proposti. Ara: gov.ie - Media Mergers (www.gov.ie)

Skont l-Att tal-2014 dwar il-Kompetizzjoni u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, rapport bħal dan għandu jiddeskrivi l-arranġamenti tas-sjieda u tal-kontroll għal impriżi li jwettqu negozju tal-media fl-Irlanda, jiddeskrivi l-bidliet fl-arranġamenti tas-sjieda u tal-kontroll ta' tali impriżi matul l-aħħar tliet snin, u janalizza l-effetti ta' tali bidliet fuq il-pluralità tal-media fl-Irlanda.

104 Kif irrappurtat fl-Istudju dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fid-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva fl-Irlanda, id-deċiżjonijiet dwar fużjonijiet tal-media u d-deċiżjonijiet l-oħra kollha dwar is-sjieda tal-media huma rrappurtati pubblikament mill-korpi rilevanti, kemm jekk id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni (BAI) kif ukoll il-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni u huma rrappurtati fil-media nazzjonali u reġjonali.

105 Skont Reporters mingħajr fruntieri – l-Irlanda "*Independent News and Media (INM) kienet tikkontrolla parti mis-suq tal-gazzetti ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, filwaqt li x-xandir kompla jkun iddominat mill-kumpanija semistatali RTE - li min-naħa tagħha trid taffaċċja piżijiet finanzjarji li jheddu l-istabbiltà kontinwa tagħha"*.

106 In-nuqqas ta' *data* dwar id-dħul u l-konċentrazzjoni tal-udjenza għas-swieq tal-media kollha jidher li huwa problema. Ara l-Media Pluralism Monitor, ir-rapport tal-pajjiż għall-Irlanda, p. 11.

**Il-Gvern ħa xi miżuri biex itaffi l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.** Kif irrappurtat minn Reporters Mingħajr Fruntieri, ħafna titoli reġjonali sabu ruħhom fix-xifer ta' kollass finanzjarju fl-2020[107]. Għadd ta' freesheets stampati ssospendew ukoll l-operazzjonijiet tagħhom bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, u kienet biss żieda fir-reklamar tal-istat, relatata mal-indirizzar tal-miżuri tal-COVID-19, li impedixxiet lil xi stazzjonijiet tar-radju milli jieqfu joperaw[108]. Barra minn hekk, l-iskema ta' Pagament tal-Qgħad tal-Istat għall-Pandemija kienet miftuħa għall-impjegati kollha, inklużi l-ġurnalisti, li għenet biex jittaffa l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-ġurnalisti. Il-ħaddiema freelance setgħu jibbenefikaw ukoll minn ċertu appoġġ finanzjarju[109].

**Il-Gvern qed jirrifletti dwar il-futur tas-settur tal-media.** Il-Gvern Irlandiż iddeċieda li jniedi diskussjoni dwar azzjonijiet possibbli fit-tul biex jappoġġaw is-settur tal-media, filwaqt li stabbilixxa Kummissjoni indipendenti dwar il-Futur tal-Media[110] f'Ottubru 2020. Ir-riflessjonijiet tal-Kummissjoni ffukaw b'mod partikolari fuq l-isfidi li jiffaċċjaw l-atturi kollha tal-media fir-rigward tal-bidliet tal-flussi tad-dħul, l-imġiba tal-udjenza u l-mudelli tekniċi ġodda tal-konsuma tal-media. Bejn it-12 ta' Diċembru 2020 u t-8 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika li rriżultat f'aktar minn 800 preżentazzjoni bil-miktub minn partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali. Il-Kummissjoni bħalissa qed tinvolvi ruħha f'sensiela ta' djalogi tematiċi bil-ħsieb li tipproduċi rapport u rakkomandazzjonijiet sas-sajf 2021.

**Id-diskussjonijiet dwar l-emendar tal-qafas ta' protezzjoni tal-ġurnalisti għadhom għaddejjin.** Wara t-tħabbir tal-pjanijiet għar-reviżjoni tal-Att dwar id-Diffamazzjoni tal-2009[111], il-Gvern Irlandiż qed jiffinalizza rieżami statutorju. Skema ġdida ta' Diffamazzjoni tista' tiġi ppreżentata sa tmiem l-2021. Kif enfasizzat mill-partijiet ikkonċernati[112], ir-reġim attwali jippermetti li jiġi impost ammont sproporzjonatament għoli ta' danni għall-malafama, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-libertà ġurnalistika. L-aħħar konsultazzjoni dwar ir-rieżami tal-liġi Irlandiża dwar il-malafama seħħ fl-2016 u ma rriżultax f'bidliet leġiżlattivi. Fl-2020, il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnalisti u tas-sikurezza tal-ġurnalisti rreġistrat allerta waħda b'rabta mal-Irlanda.. Kienet l-ewwel allerta li tikkonċerna l-Irlanda mill-2015[113]. L-allerta kienet tikkonċerna azzjoni legali mressqa minn attivist politiku li ssemma fir-rapport tal-istampa tad-Dublin Inquirer. L-azzjoni legali relatata ma' allegata negliġenza fl-imġiba ġurnalistika mill-gazzetta. Ma ġiet irreġistrata l-ebda allerta fl-2021. Rigward is-sikurezza diġitali tal-ġurnalisti, l-MPM tal-2021 ittenni riskji leġiżlattivi li jirriżultaw mill-Att dwar iż-Żamma tad-*Data*, b'mod partikolari n-nuqqas tiegħu ta' salvagwardji għall-protezzjoni ta' sorsi ġurnalistiċi[114]. Filwaqt li fl-2020 il-

[107] Reporters Mingħajr Fruntieri – l-Irlanda "*Independent News and Media (INM) kienet tikkontrolla parti mis-suq tal-gazzetti ta' kuljum u ta' nhar ta' Ħadd, filwaqt li x-xandir kompla jkun iddominat mill-kumpanija semistatali RTE - li min-naħa tagħha trid taffaċċja piżijiet finanzjarji li jheddu l-istabbiltà kontinwa tagħha*"..

[108] Media Pluralism Monitor tal-2021, rapport għall-pajjiż tal-Irlanda, p. 8.

[109] Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti (2020), COVID-19: X'appoġġ finanzjarju rċevew il-media u l-ġurnalisti fl-Ewropa?.

[110] Il-Kummissjoni hija magħmula minn 10 membri, magħżula fuq il-bażi tal-għarfien espert u l-esperjenza fil-media.

[111] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 13.

[112] Reporters Mingħajr Fruntieri.

[113] Ir-rapport ma ġiex indirizzat mill-awtoritajiet Irlandiżi.

[114] Ir-Rapport ta' Murray tal-2017 ivvaluta r-reġim taż-żamma tad-*data* tal-att bħala li ma jissalvagwardjax biżżejjed il-prinċipju tal-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi.

gvern Irlandiż ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirrevedi l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet, mhuwiex fost il-fajls ta' prijorità attwali[115].

## IV. KWISTJONIJIET ISTITUZZJONALI OĦRA RELATATI MA' KONTROKONTROLLI

L-Irlanda għandha sistema parlamentari bikamerali: Il-Parlament (*Oireachtas*) huwa magħmul mit-Tieni Kamra (*Dáil Éireann*) u mill-Ewwel Kamra (*Seanad Éireann*). Il-Ministri tal-Gvern jew il-membri tal-Parlament għandhom id-dritt ta' inizjattiva leġiżlattiva. L-istħarriġ kostituzzjonali jitwettaq mill-Qorti Għolja bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell u l-Qorti Suprema. Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (Irish Human Rights and Equality Commission, IHREC) hija l-istituzzjoni nazzjonali Irlandiża għad-drittijiet tal-bniedem u għall-ugwaljanza.

**Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tintuża biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, iżda tqajmu ċerti kwistjonijiet rigward is-sorveljanza mill-Parlament tal-miżuri ta' emerġenza.** Ir-rispons tal-Irlanda għall-pandemija tal-COVID-19, li kompliet tiddependi fuq il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[116], fil-biċċa l-kbira ġie implimentat permezz ta' Strumenti Statutorji ffirmati mill-Ministru tas-Saħħa, iddelegati mil-leġiżlazzjoni primarja[117]. Is-setgħat rilevanti f'dawn il-liġijiet kienu, skont klawżoli ta' estinzjoni, previsti li jibqgħu fis-seħħ sad-9 ta' Novembru 2020 sakemm ma jiġux estiżi. Mozzjoni mressqa f'Ottubru 2020 estendiet is-setgħat sad-9 ta' Ġunju 2021, li bosta membri tal-Parlament oġġezzjonaw għalihom, u ssuġġeriet estensjonijiet iqsar. Iż-żmien qasir allokat għad-dibattitu dwar din il-mozzjoni qajjem kritika[118]. Rapport tal-IHREC[119] irrakkomanda estensjonijiet iqsar u li fil-leġiżlazzjoni jiġi speċifikat it-tul massimu ta' kwalunkwe estensjoni, filwaqt li jitqajjem tħassib ieħor[120]. Dan it-tħassib ġie rifless mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[121]. Minħabba l-elezzjoni ġenerali li saret f'Jannar u d-dewmien fil-ħatra ta' gvern, ma saret l-ebda laqgħa ordinarja tal-kumitat bejn Jannar u Ottubru 2020, filwaqt li l-Kumitat Speċjali dwar ir-Rispons għall-COVID-19 kien bejn is-6 ta' Mejju 2020 u t-30 ta' Settembru 2020. F'Ġunju 2021, il-klawżoli ta' estinzjoni li jinsabu f'erba' biċċiet ta' leġiżlazzjoni primarja, li ddaħħlu biex jindirizzaw il-COVID-19, ġew estiżi aktar[122]. B'riżultat ta' dan, il-miżuri se jkomplu joperaw

[115] Programm leġiżlattiv tal-ħarifa.

[116] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 14. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tipprevedi sorveljanza statutorja disponibbli għall-*Oireachtas.*

[117] Fil-bidu tal-pandemija f'Marzu, l-*Oireachtas* għadda l-Att tal-2020 dwar is-Saħħa (Preservazzjoni u protezzjoni u Miżuri oħra ta' Emerġenza fl-Interess Pubbliku). Ġew awtorizzati miżuri ta' infurzar anċillari fl-Att tal-2020 dwar il-Ġustizzja Kriminali (Setgħat ta' Infurzar) (COVID-19) (Settembru), u l-Att dwar is-Saħħa (Emenda) tal-2020 (Ottubru). F'Marzu wkoll, l-Oireachtas ippromulgat l-Att tal-2020 dwar il-Miżuri ta' Emerġenza fl-Interess Pubbliku (COVID-19) li pprovda setgħat statutorji wesgħin biex jiġu indirizzati l-effetti ekonomiċi u soċjali ħorox tal-pandemija, kif ukoll biddel il-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tad-detenzjoni skont l-Att dwar is-Saħħa Mentali tal-2001.

[118] Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (2021) Ireland's Emergency Powers During the Covid-19 Pandemic, p. 27.

[119] *Ibid.*

[120] Ir-Rapport tal-IHREC ikkritika wkoll l-ambitu limitat għas-sorveljanza parlamentari tal-leġiżlazzjoni sekondarja li saret mill-Ministru għas-Saħħa minħabba n-nuqqas ta' konsultazzjoni ta' qabel il-promulgazzjoni ma' kwalunkwe kumitat tal-Kmamar jew ta' skrutinju minnu, flimkien mal-iskrutinju *ex post* limitat. Tħassib ieħor huwa relatat man-nuqqas ta' divżjoni ċara bejn ir-rekwiżiti legali u l-linji gwida dwar is-saħħa, l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolamenti u n-nuqqas ta' pubblikazzjoni immedjata tar-Regolamenti.

[121] Kontribut mill-Kunsill Irlandiż għal-Libertajiet Ċivili għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.

[122] L-Att tal-2021 dwar is-Saħħa u l-Ġustizzja Kriminali (COVID-19) (Amendment).

sad-9 ta' Novembru 2021, u jistgħu jiġu estiżi aktar għal perjodu wieħed ta' tliet xhur b'riżoluzzjoni taż-żewġ Kmamar.

**Il-proċess leġiżlattiv ilu kkaratterizzat, sa mill-bidu tal-pandemija, minn diskussjonijiet imqassra fil-Parlament**. L-għodod proċedurali biex titqassar id-diskussjoni parlamentari u tiġi żgurata kunsiderazzjoni rapida mill-Parlament intużaw ta' spiss, prinċipalment fir-rigward tal-leġiżlazzjoni relatata mal-COVID-19. Dan kien jinkludi t-tneħħija tar-rekwiżit għall-iskrutinju tal-abbozz ta' Abbozz ta' Liġi qabel ma jiġi ppubblikat ("skrutinju preleġiżlattiv")[123], l-użu tal-hekk imsejħa "mozzjonijiet giljottina" biex jitqassar iż-żmien allokat għad-dibattitu, u mozzjonijiet ta' ffirmar bikri biex tiġi żgurata kunsiderazzjoni rapida mill-President ta' Abbozz ta' Liġi li għadda mill-Parlament. Fl-2020, tħejjew mozzjonijiet giljottina fi 30 mit-32 Abbozz li għaddew[124] u ntużaw 19-il mozzjoni giljottina sabiex jitqassar id-dibattitu fuq 17-il abbozz leġiżlattiv differenti. Fl-2020, ġew miftiehma mozzjonijiet ta' ffirmar bikri[125] fi 18-il okkażjoni, li ppermettew li l-kunsiderazzjoni tal-President tal-Abbozz ta' Liġi ssir fi żmien ħamest ijiem. Matul il-fażi tat-twaqqif ta' Kumitati ġodda, minn Settembru 2020, wara l-elezzjonijiet għaż-żewġt Ikmamar, ġie miftiehem li jitneħħa r-rekwiżit għal skrutinju preleġiżlattiv fir-rigward ta' 17 mill-Abbozzi ta' Liġi li ġew ippromulgati. Fl-2020, l-istadju tal-Kumitat sar minn Kumitat tal-Kamra Inferjuri kollha għal 26 mill-Atti. Tqajjem tħassib mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward taż-żmien qasir allokat għall-konsultazzjonijiet[126].

**L-akkreditazzjoni tal-Kummissjoni Irlandiża tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza se tiġi rieżaminata fl-2021.** Ġiet akkreditata mill-ġdid bi *status* "A" f'Novembru 2015 mill-Alleanza Globali tan-NU tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (Global Alliance of National Human Rights Institutions, GANHRI)[127]. Fi Frar 2021, l-IHREC (Irish Human Rights and Equality Commission) ippubblikat rapport dwar is-setgħat ta' emerġenza tal-Irlanda matul il-pandemija tal-COVID-19[128]. Ir-rapport ikkonkluda li l-miżuri prinċipali introdotti sa issa għall-kontroll tal-pandemija (prinċipalment restrizzjonijiet fuq il-moviment u laqgħat fid-djar, obbligi li jintlibsu l-maskri tal-wiċċ) kienu ġġustifikati mill-obbligu tal-Istat li jipproteġi s-saħħa pubblika[129]. Ir-rapport jistabbilixxi wkoll għadd ta' konklużjonijiet,

[123] Skont l-Ordni Permanenti tad-*Dáil* 173(1), il-Kumitat tan-Negozju, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Gvern u tal-Partiti kollha tal-Oppożizzjoni, jista' jneħħi r-rekwiżit għal skrutinju preleġiżlattiv b'talba minn membru tal-Gvern.

[124] Mit-32, 15 mill-Abbozzi ta' Liġi kienu ffukati fuq l-introduzzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet u miżuri biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19.

[125] "*Early Signature Motion*" - L-Artikolu 25 (2)(1) tal-Kostituzzjoni jistipula li meta Abbozz ikun għadda mill-istadji kollha fiż-żewġ Kmamar, huwa jintbagħat għand *Taoiseach*, li jippreżentah lill-President. Il-President imbagħad iqis li l-Abbozz ta' Liġi u l-President għandhom jiffirmaw l-Abbozz ta' Liġi "mhux aktar kmieni mill-ħames jum u mhux aktar tard mis-seba' jum wara li jkun ġie ppreżentat lilu". Is-Subtaqsima 2 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni tippermetti li "b'talba tal-Gvern, bil-kunsens minn qabel ta' *Seanad Éireann*, il-President jista' jiffirma" l-Abbozz ta' Liġi qabel il-ħames jum. Dan isir permezz ta' Mozzjoni fis-Seanad (ippreżentata wara li s-Seanad ikun lesta l-kunsiderazzjoni tiegħu tal-Abbozz), u s-Seanad jintalab jaqbel mal-Gvern biex jitlob lill-President jiffirma l-Abbozz qabel ħamest ijiem.

[126] Il-kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 217 u informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fl-Irlanda.

[127] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 15.

[128] Il-Kummissjoni Irlandiża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (2021), Ireland's Emergency Powers During the COVID-19 Pandemic.

[129] Ir-rapport mill-IHREC ma jkoprix il-miżura introdotta fir-rebbiegħa 2021 mill-Gvern Irlandiż għal sistema obbligatorja ta' kwarantina f'lukandi għal vjaġġaturi li jaslu fl-Irlanda minn għadd ta' pajjiżi deżinjati. Is-

bħar-rakkomandazzjoni li l-Gvern Irlandiż għandu dejjem iżomm distinjoni ċara bejn miżuri li huma legalment obbligatorji u pariri dwar is-saħħa pubblika, jew li l-miżuri kollha adottati bħala parti mir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 għandhom ikunu soġġetti għal klawżoli ta' estinzjoni.

**L-Irlanda għandha soċjetà ċivili vibranti u diversa, għalkemm ir-restrizzjonijiet fuq il-finanzjament qed ikomplu joħolqu xi tħassib[130].** Barra minn hekk, il-Fond ta' Stabbiltà tal-COVID-19 ta' EUR 45 miljun stabbilit mill-Gvern fl-2020 biex jipprovdi injezzjoni ta' flus kontanti lil organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji, organizzazzjonijiet tal-karità u intrapriżi soċjali li jagħtu servizzi kritiċi tal-ewwel linja[131], EUR 10 miljun addizzjonali saru disponibbli fl-2021. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew iqajmu tħassib[132] dwar l-impatt tal-projbizzjonijiet skont l-Att Elettorali għal donazzjonijiet li jingħataw għal "skopijiet politiċi" ogħla minn ċertu ammont[133] kif ukoll minn persuni mhux ċittadini residenti barra mill-Irlanda[134]. Il-Kummissjoni dwar l-Istandards f'Karigi Pubbliċi, li hija responsabbli biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Att, appellat għal rieżami komprensiv tal-Att Elettorali[135]. Skema Ġenerali ta' Riforma Elettorali ġiet ippubblikata reċentement u għandha l-għan li tistabbilixxi Kummissjoni Elettorali statutorja indipendenti. L-intenzjoni tal-Gvern hija li l-Kummissjoni Elettorali tagħmel rieżami komprensiv tal-Att Elettorali tal-1997, inkluż l-indirizzar ta' tħassib imqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[136].

sistema kienet soġġetta għal kritika; Ara pereżempju ICCL 2021, l-ICCL jitlobn għal tmiem tal-kwarantina mandatorja jekk il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ma jiġux indirizzati, id-19 ta' April 2021.

[130] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 15.

[131] Il-Fond jiffoka fuq organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ u servizzi fis-setturi li ġejjin: is-saħħa u l-kura soċjali (inklużi d-dipendenza, id-diżabbiltà u s-saħħa mentali); servizzi tat-tfal u tal-familja (inkluż counselling/terapiji); vjolenza domestika/sesswali/fuq il-bażi tal-ġeneru; akkomodazzjoni/problema ta' persuni mingħajr dar; servizzi tal-komunità (eżempju meals on wheels/servizzi ta' ħbiberija/servizzi ta' appoġġ għall-anzajni/gruppi ta' appoġġ ta' persuni vulnerabbli, eċċ.); u settur tal-edukazzjoni tal-komunità.

[132] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Irlanda, p. 15. Ara wkoll il-komunikazzjoni mir-Relatur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet għal-libertà ta' għaqda speċifika u ta' assoċjazzjoni u r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-10 ta' Diċembru 2020.

[133] Skont l-Att Elettorali tal-1997, id-donazzjonijiet jistgħu jaslu għand terzi persuni sa limitu ta' EUR 2 500 mingħand donatur fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari.

[134] Is-SIPO interpretat il-leġiżlazzjoni rilvevanti bħala li tkopri wkoll ċerti attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħall-ħidma ta' promozzjoni anki barra l-perjodi elettorali.

[135] SIPO (2020), Rapport Annwali 2019, pp. 27-28.

[136] Skema Ġenerali tal-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Riforma Elettorali tal-2020.

## Anness: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku*

** Il-lista ta' kontributi riċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab fuq https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism/2021-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation .*


Bar of Ireland (2021), *Submission to the Department of Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission Bill 2020* (https://www.lawlibrary.ie/media/lawlibrary/media/Secure/Submission-to-DOJ-with-Appendix.pdf).

Broadcasting Authority Ireland (2019), *Submission to the Department of Communications, Climate Action & Environment Public Consultation on the Regulation of Harmful Content on Online Platforms and the Implementation of the Revised Audiovisual Media Service Directive* (https://www.bai.ie/en/bai-publishes-submission-on-regulation-of-harmful-online-content-implementation-of-new-audiovisual-media-services-directive/).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, *A. K. u Oħrajn vs Sąd Najwyższy, CP v Sąd Najwyższy u DO v Sąd Najwyższy,* il-Kawżi Magħquda C-585/18, C-624/18 u C-625/18, ECLI:EU:C:2019:982.

Il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda (2021), *Kontribut mill-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.*

Il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda (2021), *Submission to the Department of Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission Bill 2020* (https://www.lawlibrary.ie/News/reports-and-submissions.aspx).

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Recommendation CM/Rec(2010)12 of the Committee of Ministers to member states on judges: independence, efficiency and responsibilities* (https://www.coe.int/en/web/cdcj/judicial-independence-and-impartiality).

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2010), *Report on the Independence of the Judicial System Part I: The Independence of Judges adopted by the Venice Commission at its 82nd Plenary Session* (CDL-AD(2010)004-e).

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2020), *Malta, Opinion on proposed legislative changes* (CDL-AD(2020)006).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza tal-20 ta' April 2021, *Repubblika vs Il-Prim Ministru,* C-896/19, ECLI:EU:C:2021:311.

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020a), *Draft General Scheme of Judicial Appointments Commission Bill 2020* (http://www.justice.ie/en/JELR/Pages/General_Scheme_of_the_Judicial_Appointments_Commission_Bill_2020).

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020b), *Review Group Report on the Administration of Civil Justice – Report. President: The Hon. Mr Justice Peter Kelly, Former President of the High Court* (http://www.justice.ie/en/JELR/Pages/Review_of_the_Administration_of_Civil_Justice_-_Review_Group_Report).

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2020c), *Review Group Report on structures and strategies to prevent, investigate and penalise economic crime and corruption* (https://www.gov.ie/en/publication/be30e-review-group-report-on-structures-and-strategies-to-prevent-investigate-and-penalise-economic-crime-and-corruption/).

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2021a), *Justice plan 2021* (http://www.justice.ie/en/JELR/Department_of_Justice_Action_Plan_2021.pdf/Files/Department_of_Justice_Action_Plan_2021.pdf ).

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja (2021b), *Hamilton Review Group Implementation Plan* (https://www.gov.ie/en/publication/d03ff-hamilton-review-group-implementation-plan/).

Id-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma (2020), *Second Statutory Review of the Regulation of Lobbying Act 2015* (https://www.gov.ie/en/publication/7ef279-second-statutory-review-of-the-regulation-of-lobbying-act-2015/).

Department of the Taoiseach (2020) Department of the Taoiseach (2021). *Programme for Government: Our Shared Future* (https://www.gov.ie/en/publication/7e05d-programme-for-government-our-shared-future/).

Id-Direttiva (UE) 2010/13/ dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu.

Il-Kummissjoni Ewropea (2019), *Flash Eurobarometer 482*: *Businesses' attitudes towards corruption in the EU.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Il-Kapitolu tal-Pajjiż għall-Irlanda.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Special Eurobarometer* 502: *Il-Korruzzjoni.*

Il-Kummissjoni Ewropea, (2021) *It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2009, *Parlov-Tkalčić vs Il-Kroazja*, ir-Rikors Nru 24810/06.

GRECO (2020), *Fourth Evaluation Round – Evaluation Report on Ireland Corruption prevention in respect of members of parliament, judges and prosecutors.*(https://rm.coe.int/fourth-evaluation-round-corruption-prevention-in-respect-of-members-of/1680a06655).

Irish Council for Civil Liberties (2020), *Untenable in a democracy: ICCL renews call for abolition of Special Criminal Court* (Untenable in a democracy: ICCL renews call for abolition of Special Criminal Court - Irish Council for Civil Liberties).

Irish Council for Civil Liberties (2021), *Kontribut mill-Kunsill Irlandiż għal-Libertajiet Ċivili għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.*

Irish Council for Civil Liberties (2021), *ICCL calls for end to mandatory quarantine if rights issues not addressed*, 19 April 2021 (*https://www.iccl.ie/news/iccl-calls-for-end-to-mandatory-quarantine-if-rights-issues-not-addressed/*).

Irish Court Service (2020), *Supporting Access to Justice in a modern, digital Ireland. Long-term strategic vision – 2030 (https://iwla.ie/wp-content/uploads/2020/11/Long-Term-Strategic-Vision.pdf).*

Irish Government (2021), *Kontribut mill-Irlanda għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Irish Human Rights and Equality Commission (2021), *Submission to the Minister for Justice on the General Scheme of the Judicial Appointments Commission* (https://www.ihrec.ie/documents/submission-to-the-minister-for-justice-on-the-general-scheme-of-the-judicial-appointments-commission-bill-2020/).

Irish Human Rights and Equality Commission (2021), *Ireland's Emergency Powers During the Covid-19 Pandemic (https://www.ihrec.ie/documents/irelands-emergency-powers-during-the-covid-19-pandemic/).*

Judicial Council (2021), *Personal Injuries Guidelines ((*https://judicialcouncil.ie/assets/uploads/documents/Personal%20Injuries%20Guidelines.pdf).

Law Society of Ireland (2021), *Submission to the joint Oireachtas Committee on Justice on the General Scheme of Judicial Appointments Commission Bill 2020 (*https://www.lawsociety.ie/globalassets/documents/submissions/2021-judicial-appointments-commission-bill.pdf).

L-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), *Greater than the Sum of Its Parts*? *Consideration of Unification of the Solicitors' Profession and Barristers' Profession* (https://www.lsra.ie/lsra-publishes-reports-on-legal-practitioners-education-and-training-and-unification/).

L-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), *Setting Standards*: *Legal Practitioner Education and Training* (https://www.lsra.ie/lsra-publishes-reports-on-legal-practitioners-education-and-training-and-unification/).

L-Awtorità Regolatorja tas-Servizzi Legali (2020), *LSRA takes over the regulation of advertising by legal practitioners (*LSRA takes over regulation of advertising by legal practitioners – Legal Services Regulatory Authority).

Press Council of Ireland (2020), *Annual Report 2019 of The Press Council of Ireland and Office of the Press Ombudsman* (http://www.presscouncil.ie/about-us/recent-decisions-and-news/annual-report-2019-of-the-press-council-of-ireland-and-office-of-the-press-ombudsman- ).

Press Council of Ireland (2021), *Submission by Press Council of Ireland and Press Ombudsman to the Future of Media Commission (*https://www.presscouncil.ie/office-of-the-press-ombudsman-164/publications-and-press-releases/press-releases-1048/submission-by-press-council-of-ireland-and-press-ombudsman-to-the-future-of-media-commission).

Reporters Mingħajr Fruntieri – l-Irlanda (https://rsf.org/en/ireland).

Standards in Public Office Commission (2020), *Annual Report 2019* (https://www.sipo.ie/reports-and-publications/annual-reports/).

Transparency International (2021), *Corruption Perceptions Index 2020.*

UN Human Rights Committee (2014), *Concluding observations on the fourth periodic report of Ireland* (http://docstore.ohchr.org/SelfServices/FilesHandler.ashx?enc=6QkG1d%2FPPRiCAqhKb7yhsieXFSudRZs%2FX1ZaMqUUOS9yIqPEMRvxx26PpQFtwrk%2BhtvbJ1frkLE%2BCPVCm6lW%2BYjfrz7jxiC9GMVvGkvu2UIuUfSqikQb9KMVoAoKkgSG).

Ir-Relatur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni u r-Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (2020), *Mandates of the Special Rapporteur on the rights to freedom of peaceful assembly and of association and the Special Rapporteur on the situation of human rights defenders (*DownLoadPublicCommunicationFile (ohchr.org).

**Anness II: Żjara tal-pajjiż fl-Irlanda**

F'Marzu 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali ma':

- Il-Kamra tal-Avukati tal-Irlanda
- Broadcasting Authority of Ireland
- Is-Servizzi tal-Qorti
- Id-Dipartiment tal-Ġustizzja
- Garda Economic Crime Bureau
- Garda Síochána Ombudsman Commission (GSOC)
- Hamilton Commission
- Houses of the Oireachtas Service (Parliament Service)
- Irish Council for Civil Liberties
- Irish Human Rights and Equality Commission
- Irish Small and Medium Enterprises Association (ISME)
- Law Society of Ireland
- Legal Services Regulatory Authority
- National Union of Journalists
- Office of the Director of Corporate Enforcement (ODCE)
- Office of the Director of Public Prosecution
- Press Council
- Rappreżentanti tal-Ġudikatura
- Standards in Public Office Commission (SIPO)
- Transparency International EU

* Il-Kummissjoni ltaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Center for Reproductive Rights
- CIVICUS
- Civil Liberties Union for Europe
- Civil Society Europe
- Il-Konferenza tal-Knejjes Ewropej
- EuroCommerce
- European Center for Not-for-Profit Law
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media
- Il-Forum Ċiviku Ewropew
- Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti
- Sħubija Ewropea għad-Demokrazija
- Forum Ewropew taż-Żgħażagħ
- Front Line Defenders
- Human Rights House Foundation
- Human Rights Watch
- ILGA-Europe
- Il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi
- International Federation for Human Rights
- International Planned Parenthood Federation European Network (IPPF EN)
- Istitut Internazzjonali għall-Istampa
- Il-Kumitat Netherlandiż ta' Helsinki
- Open Society European Policy Institute

- Philanthropy Advocacy
- Protection International
- Reporters Mingħajr Fruntieri
- Transparency International EU